17 ta' Mejju, 1954.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Avv. Dr. Maurice Agius Vadalà ne.** *versus* **Neg. Pietro Sorotto ne. et.**

**Kaptan — Aġent ta' Vapur — Konsenja tal-Merkanzija — Polza tal-Kariku — Użu Kummerċjali — Ċitazzjoni — Kawżali — Ekwipollenza.**

*L-aġent tal-vapur għandu l-obligu li jikkonsenja lid-destinatarju l-merkanzija fuq il-moll. Sal-mument tal-konsenja tal-merkanzija, din tibqa' fir-responsabilità ta' l-aġent; imma malli l-aġent jikkonsenja lid-destinatarju n-numru ta' rjus li dan kellu jirċievi skond il-polza tal-kariku ir-responsabilità ta' l-aġent tieqaf*

*hemm; u l-vapur ma hux responsabili, fin-nuqqas ta' xi fatt jew xi nuqqas addebitabili lil-Kaptan jew lill-aġent, għall-kwantitatiè jew piż, kif jingħad fil-kondizzjonijiet tal-polza tal-kariku. B'mod li, jekk ma jiġix pruvat ebda fatt jew nuqqas simili, għandu jiġi ritenut li, malli l-aġent jikkonsenja fuq il-moll lid-destinatarju n-numru ta' rjus skond il-polza tal-kariku, ir-responsabilità tiegħu hi eżawrita; sale dejjem li ma ikunx hemm ebda "breach of contract or duty" da parti tal-kaptan jew ta' l-aġent.*

*F'materja ta' konsenja ta' merkanzija mill-aġent jew kaptan tal-vapur lil diversi destinatarji, huwa użo li, meta l-merkanzija fi xkejjer destinati għal diversi destinatarji ma tistax tingħaraf, kull wieħed mid-destinatarji jirċievi n-numru ta' rjus, ossija xkejjer, għalik destinati skond il-polza tal-kariku; isir l-użin, a spejjeż tad-destinatarji, man mano li dawn jirċievu l-konsenja tarrjus; u kull wieħed jistenna, mingħajr ma jmiss l-ixkejjer qabel l-użin, ir-riżultat finali; bies imbagħad, jekk ikun il-każ, issir ir-ratizzazzjoni, billi min ikun ħa piż aktar milli jmissu jagħtih lil min ikun irċieva anqas; u f'każ ta' defiċjenza fil-piż, din tiġi sopportata proporzjonalment minn kull wieħed minnhom. Ma tinżammx neċessarjament ċerta kwantità ta' rjus biex tagħmel tajjeb għall-eventwali defiċjenza.*

*Fil-każ ta' domanda ta' destinatarju ta' merkanzija kontra l-kaptan jew l-aġent tal-vapur, għax dak id-destinatarju jkun irċieva merkanzija anqas milli kellu jirċievi, jekk fil-kawżali fiċ-ċitazzjoni tissemma l-ħtija tal-kaptan u/jew ta' l-aġent tal-vapur, imma fl-istess ħin tissemma wkoll l-iskambju ta' l-ixkejjer tal-merkanzija ta' l-attur ma' dawk ta' destinatarju ieħor bħala fattur tan-nuqqas li minnu jilmenta l-attur, tista' anki, b'ekwipollenza, fuq l-istess ċitazzjoni u fl-istess kawża, tiġi affrontata u deċiża l-kwistjoni tar-responsabilità jew le tad-destinatarju l-ieħor, jekk dan ikun ġie msejjaħ fil-kawża. Għax il-fatt tal-kaptan/jew l-aġent tal-vapur ma hux magħmul jikkonsisti f'xi fatt li ma hux bl-ebda mod konness mad-destinatarju l-ieħor, imma hu magħmul jikkonsisti filli sar skambju ta' l-ixkejjer, ċjoè fatt li jikkoinvolġi lid-destinatarju l-ieħor.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi fis-7 ta' Frar 1951 wasal f'Malta l-vapur "Benicassim", li fost merkanzija oħra kellu karikati

fuqu, destinati għad-ditta attriċi, 1,455 xkora "Cottonseed Oil Cake", tal-piż ta' 99,954 kilogrammi, markati S.I.O., li minnhom 663 xkejjer kienu kontromarkati bl-ittra "N"; u li meta saret il-konsenja, għalkemm huwa rċieva n-numru ta' rjus sewwa skond il-polizza, fil-fatt, però, ġew lilu konsenjati 4.412-il kilò anqas mill-kwantità li kellu jirċievi, u parti mill-merkanzija konsenjata kienet imxarrba, u dan billi, bi ħtija tal-kaptan u jew ta' l-aġent tal-vapur, u non ostante l-protesti tad-ditta attriċi, ġew lil dina konsenjati xi xkejjer li kienu destinati għal ħadd ieħor, u li kellhom kwantitativ ta' merkanzija anqas minn dik ta' l-ixkejjer destinati għall-istess ditta attriċi; talab illi l-konvenut nomine jiġi kundannat biex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, jikkonsenja lilu nomine d-defiċjenza fuq indikata, konsistenti f'4,412-il kilò "Cottonseed Oil Cake"; u fil-każ illi jonqos, jiġi l-istess konvenut dikjarat responsabili tad-danni kollha li d-ditta attriċi sofriet u għad trid issofri, konsistenti f'telf ta' profitti, spejjeż imħallsin, u kull dannu ieħor li jiġi pruvat — danni li jiġu likwidati f'dan il-ġudizzju jew f'ieħor separat. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tad-19 ta' Frar 1951;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Novembru 1953, li biha ddeċidiet billi kkundannat lill-kjamat fil-kawża nomine biex, f'xahar żmien mill-jum tas-sentenza tagħha, jikkonsenja lill-attur nomine dik l-istess defiċjenza, konsistenti f'4.412-il kilò, u, għall-każ illi l-istess kjamat fil-kawża jonqos milli jikkonsenja dik id-defiċjenza, iddikjaratu responsabili lejn l-istess attur nomine tad-danni kollha li dana seta' sofra, minnu lamentati fl-att taċ-ċitazzjoni, li jiġu likwidati f'ġudizzju separat; ħelset lill-konvenut nomine mit-talbiet ta' l-attur; u ordnat, kunsidrati ċ-ċirkustanzi tal-każ, illi l-ispejjeż jitħallsu kollha mill-kjamat fil-kawża nomine; billi kkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża, u li għandhom x'jaqsmu magħha, huma fil-qosor dawn. Id-ditta attriċi kellha kariku ta' 1,455 xkejjer "Cottonseed Oil Cake" tal-piż lord ta' 99,954 kilogrammi fuq il-vapur "Benicassim", li

wasal f'Malta fis-7 ta' Frar 1951. Dina l-merkanzija kienet tikkonsisti f'żewġ partiti: waħda ta' 1,852 xkejjer, u dawn kellhom fuqhom il-marka "S.I.O."; l-oħra ta' 608 xkejjer u dawn kellhom fuqhom l-istess marka "S.I.O." bl-aġġunta ta' l-ittra "N". Fuq l-istess vapur kien hemm merkanzija ta' l-istess xorta destinata għad-ditta "Carmelo Caruana & Co.", li ġiet imsejħa fil-kawża. Din il-partita kienet tikkonsisti fi 3,281 xkejjer tal-piż lord ta' 199,511 kilogrammi, u l-ixkejjer kienu jġibu l-istess marka "S.I.O." bħal dik li kienu jġibu l-imsemmija 1,852 xkejjer tad-ditta attriċi;

Abbord, iż-żewġ partiti, dik jiġifieri tad-ditta attriċi u dik tad-ditta kjamata fil-kawża, kienu mħalltin (fol. 36, 68). L-ixkejjer ma kienux ta' standard wieħed, imma kienu gradati (fol. 32);

Ivo Muscat Azzopardi, hu l-agent tal-"General Superintendence Company" ta' Geneva, assikuraturi ta' l-attur nomine, u li kien qiegħed jaġixxi minflok ħub bil-kunsens tad-ditta estera, ħadem l-"average weight" ta' kull xkora, u sab illi, kwantu għall-merkanzija tad-ditta attriċi, l-"average" piż ta' kull xkora kien 69 kili, u kwantu għal dik tad-ditta "Carmelo Caruana & Co." kien ta' 60 kili għal kull xkora (fol. 29-31), u huwa ta din l-informazzjoni lid-ditta konvenuta (fo. 47);

Gio Maria Cini, li kien inkarikat mid-ditta konvenuta biex iħott il-vapur, jiġifieri jniżżel il-merkanzja u jikkonsenjaha lid-destinatarji, ta lil Pasquale Farrugia, il-"foreman" tad-ditta attriċi, l-ixkejjer li kienu kontro-senjati bl-ittra "N", u mill-kumplament ta' l-irjus daqs kemm kellha skond il-polizza d-ditta attriċi; u ta lil Stefano Caruana, "foreman" tad-ditta "Carmelo Caruana & Co.", jew aħjar lil Francesco Porrelli, inkarikat minn dik id-ditta, in-numru ta' rjus daqs kemm, skond il-polizza, kellha tirċievi dina d-ditta (fol. 69 u dok. fil-fol. 58);

Wara li kkonsenja n-numru eżatt skond il-polizza lil kull wieħed mid-destinatarji, baqgħalu ħdax-il xkora, jiġifieri niżżel minn abbord 11-il xkora aktar, u dawn baqgħu għand id-ditta konvenuta (fol. 70);

L-attur nomine wiżen, per mezz tal-piżatur tad-Dwana,

l-ixkejjer shab kif tahomlu Cim. L-inkarikat, però, tad-ditta "Carmelo Caruana & Co.", meta wasal f'nofs l-użin, li kien qiegħed isir per mezz ta' pieżatur mhux addett għad-Dwana, u waqt il-konsenja, beda jiftah xkejjer ġa konsenjati, però mhux peżati, u fetah kwantità kbira — "il-kolp il-kbir infetah", xehed Francesco Portelli (fol. 89 tergo) — ineħħi l-ħażin, gran parti tal-merkanzija kienet imxarrba u ħafna imxarrba ħafna, u jimla bit-tajjeb ta' xkejjer oħra (fol. 69), u ħalla kwantità kbira — ċirka tliet tunnellati u nofs (fol. 70) imxarrba, ċapep ċapep, fuq il-moll; fl-aħħar instab li d-ditta "Carmelo Caruana & Co." ħadet piż aktar — 429 kili (fol. 47, 36, 96, 105) — minn dak indikat fuq il-polza għall-merkanzija tagħha; u dan barra ċ-ċirka tliet tunnellati u nofs li ħalliet fuq il-moll u li ma ġewx peżati; fil-waqt illi d-ditta attriċi rċeviet 4,412 kilogrammi anqas milli kellha tirċievi skond il-polizza;

Illi l-imsemmi Ivo Muscat Azzopardi xehed illi, meta merkanzija ta' l-istess xorta, destinata għal diversi, iġġib l-istess marka fuq l-ixkejjer, fi kliem ieħor, meta jkun hemm diversi partiti ta' l-istess merkanzija għal destinatarji diversi, però bl-istess marka, u jkun hemm kwindi perikolu ta' taħwid, ossija konfużjoni bejn id-diversi partiti, hu l-użu illi "l-ewwel-nett kulħadd jieħu l-merkanzija tiegħu, imbagħad isir peżament u ratizzazzjoni fil-każ li jkun hemm iżjed minn naħa u nieqes minn oħra" (fol. 31 tergo);

Illi l-attur xehed, in rigward ta' l-użu, illi "f'każ sunih titħalla ċerta perċentwali ta' xkejjer li ma jiġux konsenjati lil ħadd, u mbagħad isir l-użin, u skond ir-riżultat ta' l-użin issir ratizzazzjoni, fis-sens li tiġi allokata perċentwali skond l-użin". Mhux assolutament neċessarju li tiġi miżmuma perċentwali; għaliex jistgħu r-riċevituri jirċievu l-ixkejjer kollha, però kulħadd jobbliga ruħu li jirrestitwixxi xi xkejjer skond l-użin (fol. 30);

Illi, a propożitu ta' l-użin, Francesco Portelli, impjegat tal-kjamat fil-kawża nomine — "ir-raġel tiegħu tax-Xatt" —

xehed illi f'cirkustanzi simili, "wara li kulħadd ikun ħa n-numru ta' rjus li jmissu, jiżen qabel ma jmissu l-ixkejjer" (fol. 89 tergo);

Illi, riferibilment għall-użu, John *Falzon* xehed illi "ġeneralment, meta jkun hemm merkanzija fi xkejjer, li tkun ta' *marka waħda, destinata għal diversi riċevituri*, l-aġent jieħu ħsieb biex *jikkonsenja* l-piż li jkun press'a poco xorta waħda skond il-piż li jkun hemm fil-"bill of lading". Kull wieħed *mir-riċevituri* jħati proporzjonatament skond il-piż li jkun hemm deficjenti. Allura, f'dan il-każ, il-merkanzija tintiżen kollha permezz tal-piżatur tal-Gvern għas-spejjeż tar-riċevituri. L-aġent (tal-vapur) jieħu kura biss *jikkontrollaha*. Il-peżament isir a mano a mano li ssir il-konsenja. Meta jsir il-peżament u tirriżulta deficjenza, *hu dover ta'* l-aġent li *jinforma lil kull wieħed mid-destinatarji, li jissopporta* l-kwota tiegħu minn dik id-deficjenza. Fil-waqt li jkun qiegħed isir il-peżament, dik il-kwantità li tkun għadha ma ġietx peżata tibqa' taħt il-kontroll ta' l-aġent tal-vapur.......... u l-peżament isir a mano a mano li ssir il-konsenja; u allura dak li jkun irċieva l-kwantità destinata għalih, għandu jistenna ħalli jara r-riżultat finali. L-użu anzi hu fis-sens li l-aġent, f'dak il-każ, iżomm ċerta kwantità biex tagħmel tajjeb għal xi eventwali deficjenza (fol. 103 u 103 *tergo*);

Illi Vladimiro Darmanin xehed, dwar l-użu, illi dan huwa fis-sens illi l-ewwel wieħed jieħu n-numru ta' l-ixkejjer, jiġifieri tar-rjus, u jiġi stabbilit il-piż; u fil-każ li jkun ħa anqas, dik il-kwantità nieqsa tittieħed minn dak li jkun ħa iżjed; u jekk ikun ħa iżjed, isir l-istess, jiġifieri jagħti ż-żejjed lil min ikun ħa anqas (fol. 75, 76, 77);

Illi, fl-aħħarnett, Gio Maria Cini xehed illi "l-użu, kif jafu huwa minn 32 sena l-hawn, huwa fis-sens li, meta l-oġġett ma jistax jintgħaraf, kulħadd jieħu n-numru ta' l-ixkejjer *tiegħu, u min ikollu piż* aktar jagħtih lill-ieħor, ta' min ikun dak il-piż żejjed" (fol. 69);

Mill-premess, kwantu għall-użu, għandu jiġi kwindi ritenut illi l-użu in parola hu fis-sens illi, meta l-oġġett fi xkejjer destinat għal diversi riċevituri ma jistax jintgħaraf, kull wieħed mid-destinatarji jirċievi n-numru ta' rjus, ossija xkej-

jet, destinat skond il polza tal-kariku; i-ir l-użin a spejjeż tad-destinatarju a mano a mano li dawn jirċievu l-konsenja tar-rjus, u kull wieħed jistenna, mingħajr ma jmiss l-ixkejjer qabel l-użin, ir-riżultat finali; biex imbagħad, jekk ikun il-każ, ssir ir-ratizzazzjoni, billi min ikun ħa piż aktar milli jmissu jagħtih lil min ikun irċieva anqas; u f'dak ta' defiċjenza fil-piż, din tiġi sopportata proporzjonatament minn kull wieħed minnhom. Ma tinżammx neċessarjament ċerta kwantità ta' rjus biex tagħmel tajjeb għall-eventwali defiċjenza. Minn dak li ntqal jidher ċar li dan mhux neċessarju;

Illi, fil-każ preżenti, kien hemm ukoll il-ftehim li jiġi segwit l-imsemmi użu. Dana xehduh .......... :

Ma jirriżultax soddisfaċentement pruvat li sar il-ftehim ukoll li l-konvenut nomine kellu jżomm ċertu numru ta' xkejjer biex jagħmel tajjeb għal xi eventwali defiċjenza: u difatti, l-imsemmi Ivo Muscat Azzopardi xehed li huwa għamel din il-proposta lill-konvenut wara li l-attur nomine kien irċieva n-numru ta' rjus tiegħu, ippreżaħom u sab id-defiċjenza......... :

Illi l-attur nomine nesa skond l-użu u l-ftehim fuq riferi u, il-għaliex, meta rċieva n-numru tar-rjus tiegħu, għadda għall-peżament tagħhom fl-istess stat li kien irċevihom......... :

Illi, inveċi, id-ditta "Carmelo Caruana & Co." ma mxietx skond dak l-użu u skond dak il-ftehim; il-għaliex jirriżulta ben tajjeb mill-prova li fil-waqt illi l-inkarikat tagħha, Francesco Portelli, kien qed jirċievi minn għand Gio Maria Cini n-numru ta' rjus tagħha, dana l-inkarikat u n-nies li kienu qegħdin jaħdmu miegħu bdew jaostnu l-ixkejjer li kienu mxarrbin, ineħħu l-ħażin minnhom u jkomplu jimlewhom bit-tajjeb ta' xkejjer oħra, u mbagħad jiżnuhom, u jixħtu l-ħażin fuq il-moll fejn bdew il-ħażin kollu — ċirka tliet tunellati u nofs—mingħajr ma wiżnuh; u dan bl-ordni tal-kjamat fil-kawża dep ta' lattun, u xehed ......, ta' Ivo Muscat Azzopardi, li qal .......... ta' Stefano Caruana, li qal .......... ta' Gio Maria Cini li xehed illi .......... ta' Vladimiro Darmanin .........., ta' Francesco Portelli li qal .......... u ta' Achille Borg, li xehed hekk.......... ;

Illi, del resto, il-kjamat fil-kawża jammetti dak kollu li gie rilevat a kariku tiegħu. U difatti huwa xehed hekk .......... :

illi l-kjamat fil-kawża jammetti wkoll illi l-agir tiegħu kien irregolari......... Anki l-impjegat tiegħu, Francesco Porselli, irrileva fix-xhieda tiegħu l-irregolarità illi l-ixkejjer jiġu imressu qabel l-użin (fol. 89 tergo);

Illi evidentement ma kellhiex tiġi konsegwita mill-attur nomine parti proporzjonali minn dik il-merkanzija li l-kjamat fil-kawża ħalla fuq il-moll; għaliex din, kif l-istess kjamat fil-kawża jammetti (fol. 90 u 90 tergo), ma tissejjaħx "gatherings", u in rigward tagħhom hemm l-użu li jiġu meħudin minn l-utli min ikollu minn dik il-merkanzija in proporzjon tal-piż ta' kull wieħed. Jissejjaħ "gatherings" dak li jkun waqa' mill-ixkejjer, kif spjegaw l-istess kjamat fil-kawża u Gio Maria Cini; u l-istess kjamat fil-kawża jammetta li dak li huwa ħalla fuq il-moll mhux "gatherings" (fol. 90 u 90 tergo). Dana jmissu ġie teża mill-kjamat fil-kawża bħala piż konsenjat lilu; u kieku sar hekk, il-kjamat fil-kawża kien jiġi jirċievi wisq aktar mill-piż li kellu jirċievi. Il-kjamat fil-kawża xehed li, mingħajr ma ġie kalkolat dak li ġie mitluf u mħolli fuq il-moll, hu rċieva xi ftit biss anqas (fol. 54), imma, kif ġa fuq ġie rilevat, hu rċieva, barra minn dak li ħalla fuq il-moll, 429 kili aktar (fol. 47, fol. 36, u fol. 96, u depożizzjoni ta' Achille Borg fol. 105). Gio Maria Cini xehed illi l-kwantità mitfuha fuq il-moll mill-kjamat fil-kawża kienet ta' ċirka tliet tunellati u nofs (fol. 70 u 70 tergo);

Mill-premess jemerġi ċara l-ħtija tal-kjamat fil-kawża nomine għad-defiċjenza li sofriet id-ditta attriċi, u kwindi r-responsabbiltà tiegħu għad-danni illi l-istess ditta attriċi setgħet sofriet minħabba dik id-defiċjenza;

Rat il-petizzjoni tal-kjamat in kawża Carmelo Caruana nomine, fol. 139, li biha dana appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li l-attur nomine jiġi miċħud mid-domandi in kwantu diretti kontra l-esponent nomine; bl-ispejjeż ta' żewġ istanzi;

Rat fol. 147 ir-risposta ta' l-attur nomine għal din il-petizzjoni tal-kjamat fil-kawża, fejn qal li hu ma għandu xejn x'iżid ma' dak li ssottometta fil-petizzjoni li għamel hu stess;

Rat fol. 149 din il-petizzjoni ta' l-attur nomine, li fiha dan talab li d-deċiżjoni fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi

deċiż għat-tenur tad-domandi attriċi kif dedotti kontra l-konvenut nomine, bl-ispejjeż a' l-ewwel u t-tieni istanza kontra l-istess konvenut nomine, salv dak kollu li tiddeċidi l-Qorti fil-konfront bejn il-konvenut nomine u l-kjamat in kawża nomine, tant għar-rigward tas-sorti kemm ukoll għar-rigward ta' l-ispejjeż:

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Kif jidher mill-atti jiet, l-attur nomine iddiriġa d-domanda tiegħu kontra d-ditta "Sorotto", bħala aġent tad-ditta proprjetarja tal-vapur. Fil-kawżali tad-domanda hu waħda, u tinsab espressa bil-kliem segwenti:— "..........billi bi ħtija tal-kaptan u/jew aġent tal-vapur, u non ostante l-protesti tad-ditta attriċi, ġew fil dina konsenjati xi xkejjer li kienu destinati għal ħadd ieħor u li kellhom kwantitativ ta' merkanzija anqas minn dik ta' l-ixkejjer destinati għad-ditta instanti";

Għalhekk, l-indaġini primarja għandha tkun dik dwar jekk kienx hemm xi ħtija tal-kaptan jew ta' l-aġent fil-każ li veramment l-attur nomine sofra nuqqas fil-kwantitativ hlu konsenjat;

Din il-Qorti tirritjeni, bħala fatt, li mill-provi jirriżulta li d-ditta attriċi rċeviet 4412 il-kilogrammi anqas milli kellha tirċievi skond il-polza;

Ma hemmx dubju li l-aġent tal-vapur kellu l-obligu li jikkonsenja lill-attur nomine l-merkanżija fuq il-moll (App. "Borg ne. vs. Camilleri ne." 15 ta' Marzu 1929: u Kummerċ "Falzon ne. vs. Mifsud ne." 17 ta' April 1925). Sal-mument tal-konsenja tal-merkanzija, il-merkanzija tibqa' fir-responsabilità ta' l-aġent. Għalhekk wieħed għandu jara jekk kienx hemm mill-parti tal-kaptan jew ta' l-aġent xi "breach of contract or duty" għar-rigward tal-konsenja:

Ma hux kuntrastat li l-attur nomine rċieva n-numru ta' rjus li kellu jirċievi skond il-polza. Meta mbgħad il-merkanzija ġiet peżata, kien hemm id-defiċjenza fuq imsemmija;

Issa, ġa ladarba l-aġent ikkonsenja lill-attur nomine n-numru ta' rjus li dan kellu jirċievi, ir-responsabilità tiegħu tieqaf hemm. Il-vapur, infatti ma hux responsabili, fin-nuqqa-

ta' xi fatt jew xi nuqqas addebitabili lill-kaptan jew lill-agent, ghall-kwantità iv jew piż, kif hemm esplicitament dikjarat fl-ewwel kondizzjoni ghat-tergo tal-polza fol. 5. Fil-każ preżenti, ma giex pruvat ebda fatt jew nuqqas simili, u ghalhekk ghandu jigi ritenut li, malli l-agent ikkonsenja fuq il-moll lill-attur nomine in-numru ta' rjus skond il-polza, ir-responsabilità tieghu giet eżawrita. Ighid a propożitu l-Carver — Carriage by Sea, 6th. edition. p. 596, para. 462:— "Generally speaking, the shipowner's obligation is performed by a delivery at the ship's side, or, at most, on the quay". Hawn Malta, bhala regola, ir-responsabilità tal-vapur testendi salkonsenja fuq il-moll, u l-obligu tal-vapur generalment isegwi l-użu lokali; tant li l-kelma "alongside" tigi soltu interpretata skond l-użu lokali;

Mela, meta l-konvenut Sorotto nomine kkonsenja fuq ilmoll lill-attur nomine in-numru ta' rjus li dan kellu jiehu skond il-polza, hu eżawrixxa l-obligu tieghu;

Basta, kif inghad, ma kienx hemm xi "breach of contract or duty" mill-parti tal-konvenut nomine;

Issa, fil-każ in ispecje, ma kien hemm ebda fatt jew nuqqas li jista' jiggenera xi responsabilità mill-parti tal-konvenut nomine; ghaliex :—

1. Hu ma kkonsenjax lil destinatarju wiehed xkejjer bil-marka ta' hadd iehor. Infatti, abbord kien hemm 603 xkejjer destinati ghall-attur nomine li kellhom (minbarra l-marka S.I.O.), il-marka specjali "N", u dawn gew konsenjati regolarment, "ex admissis", lill-attur nomine, u mbaghad kien hemm 1852 xkejjer ta' l-attur u 3281 xkejjer tadditta kjamata in kawża, li però kellhom marka wahda — S.I.O.; u abbord iż-żewg partiti kienu mhalltin, ghax indistingwibili fin-nuqqas ta' marka specjali;

2. Minbarra dan, il-konvenut nomine ghamel ukoll sewwa li ma bediex il-konsenja qabel ma ż-żewg riceverituri (l-attur nomine u d-ditta kjamata in kawża) ftehmu li, stante l-indistingwibilità tal-merkanzija (apparti s-603 xkejjer bil-marka specjali "N"), huma kienu sejrin jircievu l-irjus li jmisshom rispettivament, taht il-ftehim, però, li jsegwu l-użu; liema użu hu fis-sens li, meta l-merkanzija fi xkejjer,

destinata għal diversi riċevituri, ma tistax tintgħaraf, allura kull wieħed mid-destinatarji jirċievi n-numru ta' rjus skond il-polza, u mbgħad isir l-użin għas-speġjeż tad-destinatarji, u kull destinatarju, bla ma jimmanipola bl-ebda mod l-ixkejjer qabel l-użin, jistenna r-riżultat finali, sabiex imbagħad, jekk ikun il-każ, isir aġġustament fis-sens li min ikun ħa piż aktar jagħtih lil min ikun irċieva anqas, u f'każ ta' defiċjenza fil-piż komplessiv, din id-defiċjenza tiġi sopportata pro rata;

Għalhekk l-agir tal-konvenut nomine kien għal kollox regolari, u ebda responsabiltà ma tista' tiġi mixħuta fuqu għall-ammank fil-piż tal-merkanzija li ħa l-attur nomine;

Ikkunsidrat:

Dwar ir-responsabiltà tad-ditta kjamata in kawża;

Fin-nota tar-rilievi tagħha, fol. 108, din osservat li proċeduralment ma jistax ikun hemm lok għall-kundanna tagħha fis-sens mitlub fiċ-ċitazzjoni, stante x-xorta tal-kawżali;

Issa, għalkemm hu veru li fil-kawżali, kif fuq riportata, hemm issemmija l-ħaġa tal-kaptan u jew ta' l-aġent tal-vapur, hemm però, anki msemmi l-iskambju ta' l-ixkejjer tad-ditta attriċi ma' dawk tad-destinatarju l-ieħor bħala fattur tan-nuqqas li minnu tilmenta d-ditta attriċi. Vwoldiri, il-fatt tal-kaptan u jew ta' l-aġent tal-vapur ma hux magħmul jikkonsisti f'xi fatt li ma hux bl-ebda mod konness mad-destinarju l-ieħor, bħal ma kien ikun, per eżempju, il-każ ta' stivaġġ ħażin, jew ta' serq abbord; imma hu magħmul jikkonsisti filli sar skambju ta' l-ixkejjer, ċjoè fatt li jikkoinvolvi lid-destinatarju l-ieħor. Għalhekk, "per equipollens", tista' anki fuq din iċ-ċitazzjoni u f'din il-kawża, tiġi affrontata u deċiża l-kwistjoni tar-responsabilità jew le tad-ditta kjamata in kawża, in bażi għal dak il-fatt involut fl-istess kawżali;

Issa, il-Qorti hi soddisfatta, mill-provi:—

1. Illi kien hemm bejn id-ditta attriċi u l-kjamat in kawża nomine il-ftehim espress li jiġi segwit l-użu fuq imsemmi dwar ir-riċezzjoni ta' l-irjus, l-użin tal-merkanzija man mano li ssir il-konsenja ta' l-irjus, bla ebda manipolazzjoni unilaterali qabel ir-riżultat finali ta' l-użin, u mbagħad l-aġġustament tal-kwantitativ skond ir-riżultat ta' l-użin;

2. Illi l-kjamat in kawża nomine ma osservax, anzi kiser

dan il-ftehim u użu, għaliex l-inkarikat u n-nies tiegħu bdew jqassmu l-ixkejjer li kienu mxarrbin, inebbu l-ħażin minnhom, u jkomplu jimlewhom bil-merkanzija tajba go l-ixkejjer l-oħra, imbagħad jiżnuhom u jarmu l-ħażin fuq il-moll, fejn tħalla bla ma ġie miżun, għad li, b'kalkolu, dan il-ħażin, hekk imwarrab, kien ta' xi tliet tunellati u nofs;

3. Illi l-kjamat in kawża nomine ħa bħala piż 429 kilogrammi aktar (ara, fost provi oħra, id-dokument fol. 95-96 u x-xhieda tal-pizatur pubbliku Achille Borg fol. 104 et seq.), minbarra t-tliet tunellati u nofs ċirka li tħallew fuq il-moll wara li l-ixkejjer ġew, kif fuq ingħad, manipolati mid-ditta kjamata in kawża. Ywoldiri, li d-ditta kjamata in kawża kellha f'idejha (għax il-ħażin kien f'idejha qabel ma għażlitu u ħallietu fuq il-moll) dawn it-tliet tunellati u nofs (ekwivalenti, bil-kalkolu ta' 1016 kilogrammi kull tunellata ċirka, għal 3556 kilogrammi), minbarra ż-żejjed li kien tajjeb (429 kilogrammi);

Issa, ma hemmx dubju li d-ditta kjamata in kawża għandha tirrispondi għan-nuqqas; iżda r-responsabbiltà tagħha ma għandhiex testendi għan-nuqqas kollu, kif iddeċediet l-Ewwel Qorti, iżda għandha tkun biss fil-mod li kienet tkun kieku l-affarijiet saru sewwa. Infatti, hu preżumibili li l-ħażin kien jitneħħa dejjem mill-merkanzija, jew almenu ma jingħaddx fil-kalkolu tal-kwantità li kellu jirċievi kull destinatarju. Għalhekk il-pożizzjoni kienet tkun hekk. Id-ditta kjamata in kawża żgur irċeviet 429 kilogrammi merkanzija tajba in più tal-kwantità li kellha tirċievi, u dawn għandhom jiġu restitwiti lid-ditta attriċi. In-nuqqas ta' din kien ta' 4412 kilogrammi, u għalhekk, wara li jinqatgħu l-429 issa msemmija, jibqa' nuqqas ta' 3983 kilogrammi, u dawn għandhom jiġu sopportati proporzjonatament għall-kwantità li kellu jirċievi kull destinatarju. Issa, id-ditta attriċi kellha tirċievi, bħala piż, 99,954 kilogrammi, mentri d-ditta kjamata in kawża kellha tirċievi, bħala piż, 199,511 kilogrammi — press'a poco d-doppju. Għalhekk in-nuqqas għandu jiġi ratizzat żewġ terzi fuq id-ditta kjamata in kawża, u terz fuq id-ditta attriċi, b'mod li d-ditta kjamata in kawża għandha tirrestitwixxi, minn dak li ħadet tajjeb, żewġ terzi ta' 3983 kilogrammi, ċjoè 2654 ki-

logrammi. li, flimkien mal-429 riċevuti in pjù, igibu 3083 kilogrammi;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell ta' l-attur nomine, bl-ispejjeż kontra tiegħu fil-konfront tal-konvenut Sorotto nomine, u bla taxxa fil-konfront tal-kjamata in kawża nomine;

Billi tilqa' l-appell tal-kjamata fil-kawża nomine fis-sens biss li l-kundanna għandha tirqies limitata għal 3083 kilogrammi, u f'dan is-sens biss tirriforma s-sentenza appellata; it-termini jgħaddi mil-lum;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi ta' dan l-appell jitħallsu kwart mill-attur u tliet kwarti mill-kjamata in kawża nomine.